C/2024/7287

3.12.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3004 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2999 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

(C/2024/7287)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3004 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 ([3]) kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2999 ([4]), dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi għandhom jinżammu fil-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 u fir-Regolament (UE) 2020/1998. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjoni ta' dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għall-possibbiltà li jagħmlu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2020/1998, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill qabel il-31 ta' Lulju 2025, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, sabiex id-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, tal-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi dežinjati.

([1]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.
([2]) ĠU L, 2024/3004, 3.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3004/oj.
([3]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/2999, 3.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2999/oj.